**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 5 – 27 ta' Lulju 2015**

***Minuti tat-5 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar it-Tnejn, 27 ta' Lulju, 2015.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:00 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 5. Il-laqgha bdiet fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Vernalise Bartolo** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| **Skużat:** | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti:** | **Hadd** | |
| **Pubbliku:** | **Robert S. Tabone** | Works Co-Ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**Korrezzjonijiet tal-Minuti tal-laqgha tal-23 ta' Gunju 2015**

Il-minuti ttiehdu bhala moqrija.Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-minuti jigu approvati kif mressqa. Il-Kunsillier Philip Said issekonda. Ittiehed vot.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Kevin Glynn, Philip Said, Clive Azzopardi, Christopher Bongailas, u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Hadd

Il-minuti gew approvati. (20)

2. **Hwejjeg li johorgu mill-Minuti**

2.1 Dwar l-iskema ta' restawr ta' Bieb de Rohan, is-Sindku Sarah Agius qalet li d-dokumentazzjoni kollha li kienet mehtiega giet pprezentata ma' l-applikazzjoni fil-hin, u ghalhekk il-Kunsill issa ghandu jistenna sabiex jara xi zviluppi ser ikun hemm.

2.2 Il-Kunsillier Roderick Aquilina dahal ghal-laqgha fis-6:20pm.

2.3 Dwar it-tender tal-knis, is-Sindku Sarah Agius qalet li d-draft tat-tlett tenders hija lesta, u ser jithallew disponnibli fl-ufficju ghall-kunsilliera sabiex ikunu jistghu jinqraw u jsiru l-emendi skont is-suggerimenti. Is-Sindku fakkret li mhuwiex permess li jinhargu koppji ta' dawn id-drafts. Il-Kunsilliera jistghu jaghmlu dan sal-Gimgha 31 ta' Awwissu 2015.

Is-Sindku Sarah Agius kompliet tghid li sabiex jinzamm il-kuncett li ghal Haz-Zebbug kollu jithadmu 5 kenniesa, is-sieghat ta' hidma rikjesti ghandhom ikunu dawn:

Zona A – 80 siegha

Zona B – 60 siegha

Zona C – 60 siegha

Kien hemm qbil bejn il-kunsilliera kollha.

2.4 Is-Sindku Sarah Agius qalet li l-iSpettura Kylie Borg infurmat lill-Kunsill li ma jsibu l-ebda oggezzjoni li jassistu fil-hrug tat-traffiku minn Haz-Zebbug filghodu.

2.5 Dwar il-*vacancy* li hemm bhalissa ta' *Assistant Clerk* (skala 16), is-Sindku nfurmat lill-Kunsilliera li nbdew il-proceduri ghal Part 1 tal-ETC, liema procedura kellha d-data tal-iskadenza 27 ta' Lulju 2015.

2.6 Is-Sindku Sarah Agius qalet li jehtieg li jizdiedu n-noticeboards tal-Kunsill li hawn gewwa Haz-Zebbug.

2.7 Il-Kunsillier Clive Azzopardi ressaq l-ismijiet tal-membri li jiffurmaw parti mis-sottokumitat tal-Kultura. Dawn huma l-Kunsillier Philip Said, in-Nutar Philip Ellul, u Chanel Bantick. Tressqu wkoll l-ismijiet tas-sottokumitat tal–EU funds. Dawn huma is-Sindku Sarah Agius u Isabelle Camilleri.

Kien hemm qbil unanimu dwar il-membri ta' dawn is-sottokumitati. (21)

2.8 Il-Kunsillier Philip Said qal li l-harga li saret ghall-Parlament il-Gdid kienet wahda ta' success. Huwa rringrazzja lis-Sindku, lis-Segretarju u lill-istaff kollu tal-Kunsill ghall-ghajnuna li nghatat. Huwa qal li l-harga li jmiss hija ghall-Ghawdex.

2.9 Il-Kunsillier Philip Said qal li baghat il-bijografiji mitluba mill-Bord tal-ismijiet tat-Toroq lill-Kunsill sabiex ikun jista jitkompla l-process tal-ismijiet tat-toroq.

2.10 Il-Vici-Sindku Alfred Grixti tkellem dwar incident li nqala' wara l-laqgha tat-23 ta' Gunju 2015 bejn zewg kunsilliera. Dan kollu gie rrapurtat fil-media.

Dakinhar wara l-laqgha tal-Kunsill, dahal il-Kunsillier Gorg Cortis minn barra, jghid il-verzjoni tieghu dwar minn x'hiex kien ghadda ftit tal-mumenti qabel mal-Kunsillier Roderick Aquilina. Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li hu kien l-ewwel wiehed li dak il-hin qal li dik hija xi haga interna ta' bejniethom, u ghalhekk ghandhom juzaw l-istrutturi tal-Partit li huma jirraprezentaw. Il-Vici- Sindku kompla jghid li dan in-nuqqas ta' qbil hareg barra l-Kunsill u setghu jarawh anke r-residenti. Din hija sitwazzjoni li tmur kontra artiklu 24 tal-Kodici ta' Etika li jghid li r-rapprezentanti eletti ghandhom jirrispettaw lill-kollegi taghhom.

Bhala kunsill, kien min kien il-kunsillier involut, dejjem saret kundanna kontra dan it-tip ta' agir. Il-Vici Sindku qal li meta l-Kunsillier Roderick Aquilina kien vittma ta' vendikazzjoni, kien Alfred Grixti stess li mexxa mozzjoni ta' kundanna. Din id-darba l-vittma kien il-Kunsillier George Cortis. Il-Vici-Sindku kompla jghid li jixtieq jikkwota lil

Voltaire, 'Nistghu ma naqblux imma naghti hajti biex niddefendi d-dritt tal-espressjoni tieghi.'

Fis-6:55pm il-Kunsillier Roderick Aquilina talab lis-Sindku biex il-laqgha tigi sospiza u titkompla fi stadju ta' kumitat. Il-laqgha kompliet fis-7:10pm.

Il-Kunsillier Roderick Aquilina talab li jinqraw il-punti tal-minuti kif kienu miktuba mis-Segretarju. Il-Vici-Sindku Alfred Grixti talab li ssir transcript ta' dak li kien intqal min-naha tieghu.

## 3. Korrispondenza

3.1 Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni tal-kunsill ijmejl li kienet rceviet minghand is-Sur Mauro Gasan ghan-nom ta' Petite Events. Is-Sur Mauro Gasan qal li ser isir Konferenza Internazzjonali mid-Danone Malta. Huwa xtaq li din il-konferenza li ser tkun akkumpanjata b'ikla ssir gewwa rahal tipiku Malti bhal Haz-Zebbug.

Il-kunsilliera qablu li din l-attivita tittella' dejjem jekk ma jkun hemm l-ebda spiza ghall-Kunsill u li tigi mponuta t-tariffa ta' Eur1.16 ghal kull metro kwadru.

3.2 Is-Sindku Sarah Agius qalet li r-regjun kien qed jallokka Eur5,700 ghall-aktar accessibilita gewwa Haz-Zebbug. Dwar l-A+ Accesibility Scheme, is-Sindku qalet li wara li anke ttiehdu idejat mill-Kunsillier responsabbli mill-Accessibilita, il-Kunsillier Kevin Glynn, dwar x'jista jsir, l-Kunsill ta' Haz-Zebbug prezenta rapport dwar bankini godda fi Triq il-Kbira u Triq tal-Grazzja. Ir-Regjun Nofsinhar ihoss li huwa aktar ahjar li l-kunsilli kollha li jiffurmaw parti mir-Regjun, jipprezentaw progett individwali.

## 4. Proposta tal-Kunsillier George Cortis

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li ghall-proposta tas-Sur George Cortis, huwa fil-laqgha precedent iddecieda li jissekondah sabiex din il-mozzjoni tigi diskussa f'laqgha ohra. Huwa qal li l-proposta tas-Sur George Cortis jixtieq jaqsamha f'zewg partijiet;

a) Li jinqatghu barra spejjez mhux relatati mal-funzjonijiet bazici tal-Kunsill

b) Li l-onorarja titpogga f'fond specjali sabiex jkunu jista jsir xoghol infrastutturali fit-toroq ta' Haz-Zebbug.

Dwar l-onorarja, il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li ma jkunx korrett li jonholoq precedent fuq il-membri ta' dan il-Kunsill u fuq il-Kunsilli futuri. Huma diversi l-gvernijiet populisti li jaghmlu decizjonijiet ta' dan it-tip. Barra minn hekk, kull kunsillier ghandu jiddeciedi huwa personali x'ser jaghmel.

Il-Vici Sindku Alfred Grixti kompla jghid li l-kumplament tal-proposta tal-Kunsillier George Cortis li titratta certu tip ta' spejjez li m'humiex relatati mal-funzjonijiet bazici tal-kunsill, id-Dipartiment tal-Kunsill Lokali kien diga baghat ittra f' Jannar li ghadda fejn inghataw istruzzjonijiet dwar xi spejjez iridu jigu evitati. Prattikament l-attivitajiet kollha li m'humiex specifikati fil-ligi, il-Kunsill Lokali ma jistax jaghmilhom, bhal dawl tal-Milied, Nightfest ecc. Wasal iz-zmien li tidhol il-business community sabiex isir it-tizjin tat-toroq. Ghaqdiet u kazini ghandhom joholqu attivitajiet kulturali. Il-Vici Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsill kontra qalbu qed jitkellem hekk imma d-decizjoni tal-Kunsill hi dik li hi. Id-decizjoni hadha id-Dipartiment tal-Kunsill ghal Kunsill Loklai ta' Haz-Zebbug.

Il-Kunsillier Philip Said qal li ghandhom jingabru ideat mal-kommunita kummercjali ta' Haz-Zebbug. Il-Kunsillier Chris Bongailas qal li ghandna nimxu mal-ligi.

## 5. <u>Ambaxxatur taz –zghazagh</u>

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet lis-Sur Philip Edrick Zammit bhala ambaxxatur taz-zghazagh ghal Haz-Zebbug. Hija giet sekondata mill-kunsilliera Vernalise Bartolo. Ittiehed vot. Inghata vot unanimu (22).

## 6. <u>Bord tal-Ghazla</u>

Il-Kunsillier Roderick Aquilina ppropona li membri ghall-Partit Nazzjonalista ghandhom ikunu il-Kunsilliera Kevin Glynn, Roderick Aquilina u Philip Said.

Il-Vici- Sindku Alfred Grixti qal li l-Partit li jirraprezenta huwa, ghandu commitment elettorali li jkun hemm bord tal-ghazla indipendenti mill-Kunsill. Huwa fakkar li d-decizjoni tittiehed mill-Kunsill. Il-Bord tal-ghazla jghaddi r-rakkomandazzjonijiet.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti spjega l-importanza li min ikun fuq il-bord ikollu hilijiet dwar procurement. Min jevalwa u jipprezenta r-rapport m'huwiex l-istess li jiddeciedi. Il-Vici-Sindku Alfred Grixti issuggerixxa li rapprezentanti tal-bord ghan-naha tal-Partit Nazzjonalista, jkunu kandidati tal-elezzjoni tal-Kunsilli jew membri tal-kumitat lokali.

Is-Segretarju Ezekuttiv saqsiet x'decizjonijiet ser jittiehdu dwar il-komposizzjoni tal-bord. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li l-Kunsilliera li jirraprezentaw il-PN ser jaghmlu proposta taghhom u jittiehed vot. F'kaz li ma jghaddiex, issir proposta ohra fil-laqgha ta' wara. Il-Kunsilliera li jirraprezentaw lill-PL ser jaghmlu wkoll il-proposta taghhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-process tal-interviews ghall- Assistant Clerk ghandu jinbeda minghajr ebda telf taz-zmien. Is-Sindku Sarah Agius qalet li l-process ghandu jitmexxa kemm jista jkun malajr, bil-membri li ser ikunu maghzula f'din il-laqgha.

Sadanittant il-Kunsillier Roderick Aquilina ppropona li z-zewg membri tal-bord tal-ghazla ghall-Partit Nazzjonalista ikunu l-Kunsilliera Roderick Aquilina u Philip Said u bhala riserva l-Kunsillier Kevin Glynn. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot.

Dawk Favur: Il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Philip Said, Kevin Glynn

Dawk Kontra: Is-Sindku Sarah Agius, il- Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Clive Azzopardi, Chris Bongailas, u Vernalise Bartolo.

Astensjonijiet: Hadd

Din il-mozzjoni m'ghaddietx. (23)

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti ppropona li l-membri tal-bord ghall-Partit Laburista jkunu Salvu Borg, Chanel Bantick u Cain Grech filwaqt li bhala riserva lil Joe Cutajar. Huwa gie sekondat mis-Sindku Sarah Agius. Ittiehed vot.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il- Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Clive Azzopardi, Chris Bongailas, u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Philip Said, Kevin Glynn.

Il-mozzjoni ghaddiet (24).

Il-Kunsillier Roderick Aquilina semma' li r-rapport li jigi mhejji mill-Bord tal-Aggudikazzjoni bir-rakkommandazzjonijiet li jkunu qeghdin jaghmlu dwar ghazla ta' tenders, ghandu jkun lest mill-anqas tmien t'ijiem qabel ma tittiehed id-decizjoni. Is-Segretarju qalet li ma ssib l-ebda oggezzjoni li dan isir, u f'kaz li jkun impossibli, ssir laqgha apposta sabiex tittiehed decizjoni dwar l-ghazla tat-tenders biss sabiex it-tmien t'ijiem ikunu dejjem osservati.

**7. <u>MEPA PC16/15</u>**

Din hi l-PC application hija dwar proprjeta fi Triq Paris. L-applikant qed jitlob li l-linja tal-bini tigi tirrifletti il-veru *building alignment*.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill ma jkollu l-ebda oggezzjoni. (25)

**8. <u>Triq il-Fraxxnu</u>**

Dahlet applikazzjoni ghal *road widening*. F'dan il-kaz, il-MEPA tikkonsulta mal-Kunsill Lokali biex tara jekk ikunx hemm oggezzjoni jew qbil.

Il-Kunsill semma li:

1. Sakemm ma tigi affetwata l-ebda binja
2. Bil-bankini li jintilfu , ma jizdidx il-periklu
3. Ma jkunx hemm spejjez ghal-Kunsill
4. Diment li ma jkunx hemm tgergir mir-residenti

**9. <u>Proprjeta fi Triq it-Twila k/m Trejqet il-Paci</u>**

Saret talba lill-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug, sabiex tinhareg ittra bhal ma kienet inharget fl-1998 fejn fiha jinkiteb li Triq it-Twila, kantuniera ma Trejqet il-Paci, huwa ikkunsidrat bhala l-qalba tar-rahal u ghalhekk m' ghandux ikun hemm zvilupp.

Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li din hija materja tal-MEPA u ghaldaqstant il-Kunsill m'ghandux jidhol f'din il-materja.

Kien hemm qbil unanimu li ma tinharegx ittra minhabba li dan m'huwiex kompitu tal-Kunsill Lokali.

**10. Vot tal-Flus**

Tressaq il-vot tal-flus. Il-Vici Sindku Alfred Grixti ppropona li l-vot jigi approvat. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Clive Azzopardi. Is-Sindku Sarah Agius qalet li ser tastjeni minn punt 19, filwaqt li l-Kunsilliera Vernalise Bartolo qalet li ser tastjeni minn punt 2,7 u 8. Ittiehed vot

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Kevin Glynn, Philip Said, Clive Azzopardi, Christopher Bongailas, u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Hadd

Il-vot tal-flus ghadda (26).

Dwar is-servizz li qed jinghata minn M & E Management, intqal li dan is-servizz m' ghadux aktar mitlub anke fid-dawl tal-ittra li ntbaghtet mid-Dipartiment.

Il-Kunsilliera Vernalise Bartolo qalet li gejna mitluba mill-Community Chest Fund li noffru kamra, darba fix-xahar, sabiex din tkun tista tintuza ghas-servizz ta' min ikollu bzonn. Minhabba li ma hemmx kamra ghal dan il-ghan fil-kunsill, il-Kunsilliera Bartolo qalet li ser tkellem lill-Arcipriet.

**11. Aggornament**

Il-laqgha spiccat fit-8:55pm. Il-laqgha giet aggornata ghal 20 t' Awwissu 2015 fis-6:30pm.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |